Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TLETTAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2012

**Ħin:** Mill-4.35pm sas-7.25pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (5pm)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja għal-laqgħa għaliex kien għadu xogħol. Hawnhekk ħa s-sedja l-Viċi Sindku

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tnax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Desmond Zammit Marmara, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li s-survey tal-pjazza in konnessjoni mal-proġett ERDF 205 ser jitlesta fit-12 ta' Novembru 2012 biex minn hemmhekk jitkompla l-proġett.

**F'dan il-ħin daħal is-Sindku u ħa s-siġġu**

**3. Finanzi**

**a. Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Lulju sa Settembru 2012**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Lulju - Settembru 2012 (mehmuż). Preżenti kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Mark Debono.

Ir-rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Lulju – Settembru 2012 kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku, Dr. J. Zammit Montebello li kien issekondat mill-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**b. Aġġustamenti u *write offs* fil-kotba tal-Kunsill**

Saret diskussjoni fil-Kunsill flimkien ma' l-*accountant* tal–Kunsill fuq bilanċi lill-kredituri li ilhom jidhru żmien twil fuq il-kotba tal-Kunsill fejn kien ġibed l-attenzjoni tagħhom l-Awditur tal-Gvern biex tittieħed deċiżjoni fuqhom u jiġu *written off*

Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jsir *write off* ta' ammonti dovuti lill-Public Cleansing Department (€1402), Polidano Group Limited (€ 1398), South West Cleaners Limited (€ 2352) għaliex dawn ġew preskritti mill-liġi. Għal dak li jirrigwarda l-ammont dovut lill-Schembri Infrastructures Limited ġie deċiż li jsir *write off* għal ammont ta' € 2891.90 bħala penali minħabba li kien sar xogħol ħażin mill-kuntrattur fi Triq Qarċilla, Triq Il-Kannizzata u Triq Patri Guże Delia.

Fir-rigward ta' City Sport u Play Limited li kienu jammontaw għal ammont ta' € 5590 u € 2329.37 dawn il-kontijiet ħa jibqgħu pendenti minħabba li hemm sekwestru mill-qorti fuq dawn iż-żewġ kumpaniji.

Hemm ukoll pendenti, kredituri varji li kienu ħallsu depożitu għal permess temporanju maħruġ mill-Kunsill u li ma ġewx jinfurmawna li x-xogħol tlesta biex jingħata d-depożitu lura u jinħargilhom iċ-ċekk. Dawn jammontaw għas-somma ta' € 9550.54. F'dan ir-rigward il-Kunsill ħass il-ħtieġa li jikteb lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jingħata direzzjoni fuq kemm ittik il-liġi biex dawn jiġu preskritti. Hemm depożiti li jmorru lura sas-sena 2004. Fl-istess waqt kien hemm ukoll kredituri li nħarġilhom ic-cekk tad-depożitu pero' ma ngabarx mis-sidien. Dawn kienu jammontaw għas-somma ta' € 1164.70 u ser jiġu *written off* għax preskritti mil-liġi.

**c. Talba għal xiri ta' vann għall-Kunsill u għodda għall-ħaddiema**

Is-Sindku beda biex qal li dejjem kienet tinħass il-ħtieġa u wasal iż-żmien li, lill-ħaddiema awżiljari mislufin mal-Kunsill, li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fit-toroq, jinxtralhom l-għodda neċessarji biex ikun jista' jsir xogħol aktar professjonali, fejn kienet issir kritka ħarxa pero' mhux dejjem sostanzjata li jsir xogħol mhux kif suppost. Sfortunatament mingħajr ċertu għodda essenzjali ma tistax taħdem.

Fuq ix-xiri tal-vann għall-Kunsill, is-Sindku qal li s'issa konna qed niddubbaw bil-vann li kellu wieħed mill-ħaddiema awżiljari. Dan ma jistax jibqa'jsir kif ukoll li avolja lokalita' żgħira il-ħtieġa tal-mobilitazzjoni hija essenzjali biex isir xogħol fil-pront u b'mod effiċjenti.

Għalhekk huwa kien qed jissuġerixxi li għandha tinħareġ tender biex jinxtara/jinkera vann fejn naraw il-possibilita' li l-vann ikun jaħdem bl-elettriku biex b'hekk inkunu konformi mar-rapport SEAP li tagħha il-Kunsill huwa firmatarju. F'dak li jirrigwarda l-għodda jinġabru xi kwotazzjonijiet u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Wara diskussjoni fil-Kunsill ġie deċiz u approvat b'mod unanimu li jinxtara l-vann kif ukoll l-għodda għall-ħaddiema. biex jagħmlu bħal eżempju *patching* tat-toroq u bankini ġodda li tagħhom jintalbu sommom enormi biex dan jitwettaq.

**d. Talba biex jinħareġ Tender għal Servizzi ta' *Handyman* mal-Kunsill**

Sa mill-2005 il-Viċi Sindku is-Sur J.Galea li kellu taħtu is- Sotto Kumitat tal-Manutenzjoni u Toroq, kien qed jagħti il-kontrbut tiegħu wkoll billi ħa taħt idejħ b'mod volontarju il-ħaddiema awżiljarji li jkun mislufin lill-Kunsill mill-ETC jew IPSL u jissorvelja kif ukoll jagħti daqqa t'id fit-twettiq tax-xogħolijiet fil-lokalita'. Dan kien jagħmlu biex jiffranka lill-Kunsill milli jitqabbad *contracts manager* biex jagħmel dan.

Is-Sindku filwaqt li rringrazzja lis-Sur Galea tax-xogħol siewi li għamel, qed iħoss il-ħtiega u wasal ż-żmien li l-Kunsill ikollu persuna tiegħu li jwettaq x-xogħolijiet hu flimkien bl-għajnuna ta' dawn il-ħaddiema awżiljari. Xogħol din il-persuna tkun li tagħmel manutenzjoni u s-servizzi kollha meħtieġa fit-toroq kif ukoll xogħol ieħor ta' manutenzjoni li jinqala minn żmien għal żmien fil-lokalita' u fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-materjal kollu ikun provdut mill-Kunsill. B'hekk filwaqt li din il-persuna tkun responsabbli lejn il-Kunsill żgur li l-Kunsill ser jiffranka ħafna flus mal-medda taż-żmien għax b'hekk ma jkunx hemm għalfejn jitqabbdu kuntratturi biex jagħmlu bħal eżempju *patching* tat-toroq u bankini ġodda li tagħhom jintalbu sommom enormi biex dan jitwettaq.

F'dan ir-rigward saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u b'mod unanimu approvaw li tinħareġ Tender għal servizzi ta' handyman mal-Kunsill.

**e. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sas-14 ta' Novembru 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 29,210.72

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**4. Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet ERDF 205**

**a. Quot/205/09/12 – *Locality Signs for Places of interest in bronze aluminium***

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Project Administrator is-Sur Mark Causon u qabel li jagħżel lill-kumpanija Artisans Centre Limited peress li din għamlet l-aħjar offerta

**b. Quot/205/10/12 - Installation of a Marble Plaque with Bronze Lettering**

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Project Adminstrator is-Sur Mark Causon u qabel li jagħżel l-offerta ta' Agius Marble Works Limited peress li kienet l-unika offerta mitfugħa skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Madankollu għar-raġuni li l-offerta qabżet dik stmata skont l-istimi stabbiliti mill-*Planning and Priorities Coordination Department* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ser issir talba mill-Kunsill biex id-differenza fl-offerta tingħata mill-*contingency fund* tagħhom. F'kaz li t-talba ma tiġix milqugħa dawn ser jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill.

**c. Quot/205/11/12 – Provision of Marketing Material Heritage Map**

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Project Administrator is-Sur Mark Causon u qabel li jagħżel l-offerta ta' Adverteyes Limited peress li din il-kumpanija għamlet l-aħjar offerta.

**5. Rapport dwar l-ilmenti**

Residenti ġo Triq San Frangisk u Triq il-Kbira ilhom diversi drabi jilmentaw dwar kif qed jipparkjaw il-ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola Stella Maris fil-ħinijiet li jwassluhom jew meta jiġu għalihom wara l-ħin tal-iskola. Dawn qed joħolqu konġestjoni sħiha fit-triq. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed azzjoni

konkreta mill-Gwardjani Lokali u jibdew iħarrku lil min ma jobdix ir-regolamenti tat-traffiku. Is-Segretarju ntalab jikteb lir-Reġjun Ċentru u jistenna li tittieħed azzjoni malajr. Għandha tiġi infurmata l-*headmistress* tal-iskola fuq din il-problema

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda rapport mill-Perit tal- Kunsill fuq spezzjoni li għamel fi Triq il-Kbira quddiem dar nru. 68 fejn is-sid ta' din id-dar kien qed jilmenta li meta tagħmel ix-xita l-ilma kien qed jagħmel ħsara lill-propjetà tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li jqabbad il-Viċi Sindku biex jara jistax jiġi implimentat dan ir-rapport.

Dwar ilmenti oħra li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 6. Korrispondenza

Saret talba mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Mard Preventiv biex għal darb'oħra wara s-suċċess tal-attivita' tal-aerobics organizzata flimkien mal-Kunsill Lokali, din l-attività terġa' ssir ġewwa Ħal Balzan. Il-Kunsill qabel li f'Jannar 2013 jerġa' jsir dan il-programm.

Id-Direttorat tal-MEPA bagħat javża l-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu għal fondi taħt il-UIF ma ġietx approvata. Raġuni kienet li t-talba għal xogħlijiet ta' tranġar ta' pavimentar ma jaqgħux taħt din l-iskema. Il-Kunsill mhux qed jaqbel ma' dan għaliex fil-pjanti kien hemm ukoll inkluz minbarra l-pavimentar, it-tisbieħ ta' dawk l-akwati. Għalhekk il-Kunsill qed jitlob lid-Direttorat biex jerġa' jikkonsidra din it-talba.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 7. Komunikazzjoni tas-Sindku

Ma kien hemm ebda komunikazzjoni x'jagħmel min naħa tiegħu.

## 8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsill

Il-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara f'dan il-ħin (7pm) sejjaħ biex jidħlu fil-laqgħa rappreżentanti mill-*Mini Cars Association* fejn urew ix-xewqa li tittella' attività tal-Assoccjazzjoni ġewwa Ħal Balzan. Il-Kunsill iddeċieda li b'kollaborazzjoni bejniethom ssir din l-attività nhar it-13 ta' Diċembru 2013 bl-isem " Mini Tour Ħal Balzan 2012"

Is- Sur Zammit Marmara ressaq xi lmenti tar-residenti waqt li kien qed jagħmel xi house visits minn Triq Kardinal Cardijn, Triq l-Annunzjata, Triq Mons FX Zahra, Triq iz-Zekkuk u Triq il-Kbira. Il-Kunsill ser jieħu azzjoni fejn jista' sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

Is-Sur Zammit Marmara staqsa rigward l-possibilità li ssir *zebra crossing* fi Triq il-Wied, ħdejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien applika ma' Transport Malta biex issir fejn ġie indikat pero' t-tweġiba kienet li trid titwessa' dik il-bankina.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru 2012 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data